



Dokument ta' sessjoni

B9-0005/2023

19.12.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-fajls ta' Twitter u t-theddida għad-demokrazija tagħna minn oligarki teknoloġiċi kbar

Tom Vandendriessche, Gianna Gancia, Anders Vistisen, Ivan Vilibor Sinčić, Milan Uhrík, Mathilde Androuët, Filip De Man, Witold Jan Waszczykowski, Gerolf Annemans, Jean-Lin Lacapelle, Jorge Buxadé Villalba, Margarita de la Pisa Carrión, Joachim Kuhs, Rob Rooker, Robert Roos, Hermann Tertsch, Patricia Chagnon, Philippe Olivier, Miroslav Radačovský

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-fajls ta' Twitter u t-theddida għad-demokrazija tagħna minn oligarki teknoloġiċi kbar

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-pjattaformi tal-media soċjali bħal Facebook u Twitter iservu bħala spazji pubbliċi li huma vitali għad-demokrazija moderna; billi, minħabba dan, il-pjattaformi msemmija huma *de facto* l-pjazez pubbliċi tal-bliet;
 - B. billi l-pjattaformi msemmija huma monopolisti u għandhom biljuni ta' utenti madwar id-dinja, li jagħtihom influwenza enormi;
 - C. billi l-fajls ta' Twitter żvelaw li Twitter immanipula b'mod sigriet il-flussi ta' informazzjoni matul il-kampanji elettorali bl-użu ta' blacklists, shadow bans u limiti ta' amplifikazzjoni;
 - D. billi l-uffiċjali ta' Twitter konsistentement ċaħdu allegazzjonijiet ta' ċensura u skemi ta' shadow bans;
1. Jiċħad bil-qawwa l-forom kollha ta' ċensura online illegali, interferenza elettorali u manipulazzjoni tal-kontenut; itenni li l-manipulazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni minn oligarki teknoloġiċi kbar fuq il-pjattaformi tagħhom hija ta' ħsara għad-demokrazija tagħna;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni titlob trasparenza assoluta minn ditti kbar tat-teknoloġija; jappella għal trasparenza rigward il-moderazzjoni tal-kontenut, il-ftehimiet tal-utenti, il-metodi ta' ċensura u l-algoritmi;
 3. Jappella lill-Parlament jinvestiga ċ-ċensura possibbli taċ-ċittadini tal-UE, l-interferenza elettorali u l-manipulazzjoni minn ditti kbar tat-teknoloġija; jappella għalhekk lill-Parlament biex jistabbilixxi sottokumitat dwar il-manipulazzjoni illegali u sigrieta tal-elezzjonijiet permezz tat-teknoloġija kbira.